**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 306/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Ryan Mizzi**
**(ID 296992(M))**

**Illum, 28 ta' April, 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Ryan Mizzi ta' 19-il sena, iben Jason u Maria Carmela nee` Sammut, imwieled il-Pieta`, nhar is-6 ta' Gunju 1992, residenti gewwa 114, 'Renmar', Triq Felice, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 296992(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Jannar 2013 u fis-snin ta' qabel din id-data:

Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 sub-inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u l-Artikoli 40(A) u 120(A) u t-tielet Skeda

tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u fid-dawl tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjoni.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok, illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija, tant illi l-imputat irregistra din l-ammissjoni wara li d-difiza diga` kienet ghalqet il-provi taghha u l-kawza kienet tinsab differita ghat-trattazzjoni finali.

Qieset ukoll is-serjeta` tal-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u c-cirkostanzi u b'mod partikolari illi f'dan il-kaz, l-imputat instab fil-pussess ta' hmistax-il pillola *ecstasy*[1] – ammont dan li ghalkemm m'huwiex wiehed kbir hafna, biss lanqas ma

[1] Skond ir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut (a fol. 36 *et seq* tal-process), fuq estratt mehuda mill-pillola ta' lewn ahdar li giet analizzata u li kien hemm fid-dokument (konsistenti f'kontenitur tal-plastik li fih hmistax-il pillola ta' lewn ahdar) li huwa nghata ghall-analizi tieghu, instabet is-sustanza *3,4-*

jista' jinghad illi kien xi ammont negligibbli. Ikkunsidrat ukoll il-post fejn l-imputat instab fil-pussess ta' dawn il-pilloli, ghalkemm in vista tal-fatt illi huwa ma giex addebitat bl-aggravju tad-distanza ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2)(b) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, certament li ma tistax u m'hijiex tapplika z-zieda fil-piena bi grad ikkontemplata f'din id-disposizzjoni tal-ligi. Qieset ukoll mill-banda l-ohra, il-fedina penali tal-imputat li, fiz-zmien tar-reat odjern, kienet wahda netta u li sa Gunju 2016, kienet tikkonsisti f'kundanna wahda in konnessjoni *inter alia* mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 u c-cirkostanzi li jidher li waslu ghall-istess, kif jirrizulta mill-istess fedina penali, dwar liema l-imputat, stante li kien ghadu minuri, inghata piena ta' ammenda u canfira/twissija. Il-fedina penali tal-imputat ghalhekk m'hijiex wahda allarmanti.

Qieset ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward tal-imputat odjern[2], mil-liema jirrizulta illi l-imputat ghandu mpjieg stabbli, li ghandu s-sapport ta' ommu, kif ukoll illi ghalkemm fil-bidu tal-kumpilazzjoni tar-rapport huwa sostna illi qatt ma ghamel uzu mid-droga, biss wara li gie kkonfrontat dwar dan mill-Ufficjal tal-*Probation* wara li t-tfajla tal-istess imputat, kif ukoll ommu tawha x'tifhem xort'ohra, l-imputat ammetta li huwa jaghmel uzu mill-*cannabis* u fi kliemu illi "*ma joqghodx minghajrha*". Stqarr ukoll mal-istess Ufficjal tal-*Probation* li matul il-kumpilazzjoni tar-rapport, huwa beda jpejjep id-droga sintetika ghaliex din ma timmarkax fit-testijiet tal-urina, tant illi test tal-kampjun tal-urina tal-imputat irrizulta fin-negattiv ghal tehid ta' sustanzi illeciti. Ghaldaqstant, huwa gie riferut ghas-servizz tal-Agenzija Sedqa, kemm minhabba l-vizzju tad-droga, kif ukoll sabiex jindirizza aspetti ohrajn tal-karattru tieghu. L-Ufficjal tal-*Probation* tirrimarka wkoll illi ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjoni odjerna, huwa ghadu mhux qed jiehu responsabilita` tar-reat li wettaq – u dan del resto kif jirrizulta ampjament mill-verzjoni moghtija mill-istess imputat dwar x'wassal sabiex huwa kkommetta r-reat odjern.

Qieset ukoll dak sottomess mill-partijiet u dan fis-sens illi l-piena ghandha tkun wahda fil-minimu – skont il-Prosekuzzjoni, dan in vista tan-numru ta' pilloli fil-pussess tal-imputat li ma kienx wiehed tant kbir. Kif inghad izjed 'il fuq, madankollu, il-Qorti jidhrilha illi l-ammont lanqas ma kien wiehed negligibbli.

Wara li kkunsidrat dan kollu, il-Qorti jidhrilha illi l-piena m'ghandhiex tkun fil-minimu, ghalkemm wahda li izjed tqarreb lejn il-minimu.

---

<u>*methylenedioxymethamphetamine (MDMA)*</u> li, fix-xhieda tieghu (a fol. 34 u 35 tal-process), huwa spjega li hija l-*ecstasy*.

[2] Dan jinsab esebit a fol. 52 *et seq* tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **disa' (9) xhur prigunerija effettiva** u piena ta' **multa ta' elf Euro (€1,000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati fi zmien sentejn mil-lum. B'dan illi kemm il-darba huwa jonqos milli jhallas din is-somma fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u hamsin Euro, sebgha u erbghin centezmu (€155.47).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument NS1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat